# Int qed tirċievi pensjoni u taħdem?



We speak your language ☎ 13 1202

*Are you receiving a pension and working?* - Maltese

Biex naħdmu kemm nistgħu inħallsuk pensjoni, aħna għandna bżonn inkunu nafu meta s-sitwazzjoni tiegħek tinbidel.

Ftakar biex:

- Tgħidilna jekk int jew is-sieħeb/sieħba tiegħek tibdew jew tieqfu taħdmu
- Tgħidilna d-dħul tiegħek **gross**. Dan hu l-ammont qabel it-taxxa u tnaqqis ieħor
- Tgħidilna jekk is-sigħat tiegħek tax-xogħol jinbidlu
- Tgħidilna fi żmien 14-il ġurnata jekk id-dħul tiegħek jiżdied
- Tgħidilna immedjatament jekk id-dħul tiegħek jonqos. Int għandek mnejn tkun eliġibbli għal aktar pensjoni
- Tistaqsi lil min iħaddmek għar-rata ta' kull siegħa ta'l-paga tiegħek inkluż kwalunkwe rati ta' pieni jew overtime u kwalunkwe allowances
- Tagħtina l-karti tal-pagi (payslips) tiegħek, **u**
- Tgħidilna dwar kull qligħ mingħand kulmin iħaddmek, jekk int jew is-sieħeb/sieħba tiegħek għandkom aktar minn persuna waħda li jħaddmukom.

Jekk int jew is-sieħeb/sieħba tiegħek ma tgħidulniex dwar xi bidla hekk kif inhu mitlub, dan għandu mnejn jirriżulta f':

- twaqqif jew dewmien fil-pagament tiegħek, **u/jew**
- pagament iżżejjed li għandek mnejn ikollok tħallas lura, **u/jew**
- ħlas addizzjonali ta' irkuprar, f'ċerti każi.

Biex tkellem lil Centrelink bil-Malti, ċempel **13 1202***.
Tagħrif fil-lingwa tiegħek jista' jinkiseb ukoll fil-website f'**www.centrelink.gov.au**

** Telefonati lin-numri: "13" minn servizz standard tat-telefon jistgħu jsiru minn kwalunkwe parti ġewwa l-Awstralja għal mhux aktar mill-ħlas ta' telefonata lokali (il-ħlasijiet tat-telefonati għandhom mnejn ivarjaw u dan jiddependi minn min joffri s-servizz tat-telefon). Telefonati għan-numri "1800" huma b'xejn. Telefonati minn telefonijiet pubbliċi u dawk mobbli għandu mnejn ikunu ċċarġjati b'rata ogħla.*



Australian Government

Centrelink
giving you options